

# IT-TRASPORT PUBBLIKU F'MALTA

## Viżjoni għal Trasport Pubbliku li jaqdi lill-pubbliku f'kuntest ta' sostenibbiltà ambjentali

Dokument imħejji mill-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni

**Ottubru 2008**

## Servizzi tat-trasport mhux skedat

ministeru għall-infrastruttura
trasport u komunikazzjoni



# DAĦLA

"Il-Gvern u l-Maltin u l-Għawdxin iridu jaraw riforma fit-trasport pubbliku. Issa wasal iż-żmien fejn ngħaddu verament għall-fatti u nimmirraw li sa l-2015 ikollna sistema ta' trasport pubbliku li taqdina fis-sħiħ".

Dawn il-kliem użajthom fl-ewwel żewġ dokumenti ta' diskussjoni li diġa ppubblikajna – wieħed li ttratta il-qasam tal-karozzi tal-linja u l-ieħor dwar it-taxis. Nużahom anki f'dan id-dokument – li jittratta l-qasam wiesa hekk imsejjaħ *unscheduled* – għaliex dan hu qasam li jintuża ta' kullum, minn turisti u Maltin u minn kategoriji differenti tas-soċjeta. Dan hu qasam li hu kruċjali għar-riforma li rridu nagħmlu.

Dan hu settur wiesa ħafna li jmur mill-karozzi tal-kiri u jasal sal-*coaches* tat-turisti. Barra min hekk, hemm strutturi ekonomiċi differenti u konflinġenti fis-settur u parti minnu dejjem tmexxa bi protezzjoni qawwija. Hu ċar li din il-politika ma wasslet la għal servizz aħjar u l-anqas għal flottot nodfa mill-emissjonijiet. Hu ironiku li waqt li fl-oqsma fejn hemm mil-liberalizzazjoni, il-kwalità tal-vetturi marret għall-aħjar u s-servizz lill-klijent tjieb, fl-oqsma magħluqa seħħ bil-kontra!

Minkejja l-opportunità ta' vjaġġi fi grupp, hemm evidenza ċara li dawn qed jonqsu aktar ma jgħaddi ż-żmien. F'pajjiż konġestjonat bit-traffiku, dan ma jistax jitħalla bla rimedju. Min jaħseb li għandna ħafna traffiku jew diffiċli ssib tipparkja għax aħna pajjiż żgħir qed jara l-istampa rasha 'l isfel. Jekk inqisu 'l Malta bħala belt (minflok pajjiż sħiħ) m'aħniex aktar jew anqas iffullati minn bliet moderni oħra. Iżda mqabbla ma' bliet moderni oħra (akbar jew iżgħar minnha) għandna ħafna aktar karozzi ras għal ras milli għandhom bliet oħra.

ministeru għall-infrastruttura trasport u komunikazzjoni

Żgur li titjib fit-trasport pubbliku (tal-linja biex nifthemu) jtaffi din il-problema. Iżda t-trasport għall-iskejjel, għall-uffiċini u l-fabbriki, għal avvenimenti sportivi u oħrajn it-trasport pubbliku jista' jgħin iżda qatt ma jagħmel sens li jkollok trasport bir-rotta li jlaħħaq m'avvenimenti m'hux skedati.

Is-soluzzjoni għal dan it-tip ta' attività hi trasport mingħajr skeda. Iżda pajjiżna għandu infrastruttura ta' dan it-tip ta' trasport li ma tlaħħaqx mad-domanda. Għandna kowċis u vannijiet qodma u li m'humiex aċċessibbli u hu ċar li m'għandniex biżżejjed provvista għad-domanda potenzjali li għandu pajjiżna. Provvista nieqsa tfisser prezzijiet għoljin, u prezzijiet għoljin ifissru domanda anqas. Domanda anqas ma tiġġustifikax investiment f'aktar provvista. Aħna probabilment l-unika pajjiz fejn niddistingwu bejn van u ieħor skond in-numru ta' siggijiet li għandu! Jew li nordnaw bil-ligi li jinżebgħu kulur speċifiku! Jew li ma nħallux tinvesti fejn trid u kif trid sakemm iżżomm l-istandards li għandu bżonn pajjiżna. Qed ninponu sistema li taħdem kontra l-"vertical integration" li hi tant neċessarja f'dan il-qasam biex operaturi jistgħu joffru servizz verament professjonali.

L-agħar hu li dan iċ-ċirku vizzjuż qed joħolqu wkoll il-Gvern b'regolamentazzjoni antikwata, restrizzjonijiet fuq is-suq li m'humiex ġustifikati, u protezzjoni ta' interessi settorjali li m'hux dejjem jirrealizzaw malajr il-vantaġġi tas-suq miftuħ meta jkunu qed iħossuhom komdi kif inhuma.

Irridu nkissru dan iċ-ċirku vizzjuż u dan id-dokument jippreżenta l-ideat tagħna ta' kif irridu naslu għal dan.

Nagħlaq bl-istess kliem li għalaqt iż-żewg dokumenti preċedenti:

*"Il-mission statement tagħna għalhekk nemmen li għandu jkun: Biex ikollna servizz ta' trasport pubbliku ambjentalment u finanzjarjament sostenibbli, integrat u modern, u li hu mfassal biex jaqdi l-ħtiġijiet ta' min jużah".*






# IT-TRASPORT MHUX SKEDAT

Is-settur tat-trasport mhux skedat jinkludi taħlita mżewqa ta' vetturi, li huwa rregolat b'diversi modi. Dan is-settur jissejjaħ "mhux skedat" biex niddistingwuh mill-qafas "skedat", jiġifieri l-karozzi tal-linja li jaħdmu fuq il-qafas nazzjonali. Is-settur "mhux skedat" jinkludi:

- **Il-vetturi self-drive**. Dawn jinkrew lit-turisti l-iktar. Kulmin jissodisfa l-kriterji legali jista' jinvesti f'dan is-settur. Ma hemm l-ebda limitu fuq l-għadd ta' vetturi li tista' topera.

- **Il-vetturi misjuqa minn xufier**. Dawn jintużaw l-iktar għal okkażjonijiet speċjali (tiġijiet, funerali, delegazzjonijiet eċċ.), kif ukoll bħala taxis ibbukkjati minn qabel. Biss, dawn la jistgħu jghabbu passiġġieri mit-triq u ma jużawx *taxi-meter*. Minflok, għandhom prezz fiss maqbul minn qabel. F'dan is-settur ma hemmx suq magħluq.

- **It-taxis tal-elettriku**. Bħalissa, għandna biss esperjenza waħda. Din l-esperjenza hija pożittiva immens, u jidher li l-pubbliku użaha bi ħġaru. Sa issa, dan is-settur ġie operat permezz ta' sejħa pubblika.

- **Ix-xarabanks il-mikxufa**. Hawn, il-pożizzjoni tixbah ħafna lil dik tat-taxis tal-elettriku. Din l-esperjenza wkoll hija riċenti, u bħalissa unika. Din ukoll inbdiet b'sejħa mill-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT).

- **Il-ferroviji bla binarji**. Għal darba oħra, din hija esperjenza riċenti ħafna li nbdiet b'sejħa mill-ADT.

- **Il-vannijiet il-bojod**. Dawn ma jistgħux iġorru iktar minn 10 passiġġieri minbarra s-sewwieq, jistgħu joperaw fi kwalunkwa settur.

mitc
ministeru għall-infrastruttura trasport u komunikazzjoni

- **Il-vannijiet il-ħomor**. Mill-banda l-oħra, dawn huma awtorizzati jġorru minn 11 sa 18-il passiġġier u illum hemm mal-430 liċenzja għal dawn il-vannijiet.

- **Il-kowċis**. Dawn jintużaw biex iġorru kemm lit-turisti kif ukoll lin-nies tal-post. Fl-1994 intlaħaq ftehim mal-operaturi biex dan is-settur jiġi lliberalizzat imma, fil-fatt, din il-liberalizzazzjoni baqgħet ma seħħitx. Bħalissa hemm mal-142 kowċ irreġistrata.

Iż-żieda fil-popolazzjoni u l-iżvilupp ekonomiku jimxu id f'id maż-żieda fil-mobiltà. Fis-setturi varji, dan jirrifletti l-ħtiġijiet dejjem jikbru ta' trasport għat-turisti li jżuru l-gżejjer, it-tfal ta' l-iskola – li jeħtieġu trasport bla periklu u effettiv, u l-gruppi ta' nies li jixtiequ jivvjaġġaw minn post għall-ieħor (kemm jekk għan-negozju jew għad-divertiment) bla ma jużaw it-trasport pubbliku skedat.

Is-servizzi mhux skedati normalment jingħataw fuq inizjattiva jew tal-klijent jew tat-trasportatur innifsu, u jinkludu vjaġġi organizzati għan-nies tal-post u għat-turisti, ġarr ta' ħaddiema minn u lejn il-post tax-xogħol, ġarr minn u lejn istituzzjonijiet edukattivi u *shuttle services*, bħalma huma s-sistemi 'Park and Ride'.

L-iktar servizzi importanti tat-trasport pubbliku mhux skedat bħalissa qed jingħataw legalment minn erba' fornituri differenti tas-servizzi, fil-biċċa l-kbira tagħhom. Dawn huma: il-karozzi tal-linja (fil-ġurnata li jkunu franki), l-operaturi tal-kowċis, l-operaturi tal-vannijiet il-ħomor u l-"garaxxijiet tas-servizz pubbliku" li joperaw il-vannijiet il-bojod.

Matul is-snin u bl-iżvilupp ekonomiku, il-ġustifikazzjoni biex jinżammu swieq magħluqa f'dawn is-servizzi tat-trasport, fis-sewwa, għebet – billi l-popolazzjoni żdiedet u fl-istess waqt żdiedet il-ħtieġa tagħha li tkun mobbli. Flimkien ma' dan l-iżvilupp, Malta esperjenzat għadd dejjem ikbar ta' turisti u attivitajiet li jitolbu servizzi ta' kwalità għolja u vetturi pprovduti minn operaturi varji li jikkompetu bejniethom kemm fil-prezz kif ukoll fil-kwalità.

Il-qafas legali, li żviluppa mill-aħħar tat-tmeninijiet 'l hawn, kien immirat lejn iż-żamma ta' l-ishma relattivi tas-suq u l-ħarsien ta' kull wieħed mill-erba' fornituri ewlenin tas-servizzi f'dan is-settur. Xhieda ta' dan kienet il-fatt li s-settur tal-kowċis ma ġiex illiberalizzat fl-1994. Il-pressjonijiet minn setturi differenti biex jinżamm l-i*status quo* huma evidenti fl-istorja tas-settur tat-trasport mhux skedat.

Dan is-settur huwa influwenzat ukoll mill-istaġuni. Bħalissa, hemm żminijiet differenti tal-jum jew tas-sena meta s-settur jitmexxa mill-provista, iktar milli mit-talba. Huwa evidenti li bl-iffissar ta' għadd massimu ta' vetturi disponibbli f'dan is-settur, hemm talba moħbija u ħtiġijiet ta' mobiltà li mhumiex jinqdew. Xhieda ta' dan tista' tiġi osservata ta' sikwit fil-ħinijiet li jkun hemm ħafna xogħol, meta vetturi ta' kwalità ogħla li jinkrew u jkunu mistennija mill-klijent jinbidlu fl-aħħar minuta ma' mudelli eqdem u inferjuri, minħabba bbukkjar eċċessiv.

Il-konċessjoni tal-Gvern li jħalli l-karozzi tal-linja joperaw f'kompetizzjoni diretta ma' fornituri oħra ta' servizzi tat-trasport mhux skedat ikkumplikat ruħha mil-lat ta' liġi bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea. Issa, ir-regoli tal-għajnuna mill-istat ma jħallux lill-Gvern jikkofinanzja l-bdil tal-karozzi tal-linja l-qodma u li ma għadhomx xierqa, ma' karozzi moderni, billi dan jagħti vantaġġ kompetittiv inġust lis-sidien tax-xarabanks li qed jikkompetu fl-istess swieq mhux skedati tal-operaturi tal-vannijiet u tal-kowċis. Barra minnhekk, jidher ċar li hemm abbuż rampanti mis-sidien



tax-xarabanks li jagħmlu xogħol privat li normalment iħalli iktar qligħ, meta suppost ikunu qed jaqdu d-dmirijiet allokati lilhom fis-servizz skedat. Il-perċentwali għoli ta' vjaġġi li jinqabżu ta' kuljum fis-servizzi skedat wassal għal stampa fqira tal-affidabbiltà tas-servizzi tal-linja. Dan ħalla impatti negattivi inevitabbli fuq il-livelli ta' patroċinju. Jinħtieġ biċ-ċar li niddistingwu darba għal dejjem is-settur skedat minn dak mhux skedat.

Bir-restrizzjonijiet kurrenti fuq il-kwantità fis-settur tat-trasport mhux skedat, hemm nuqqas ta' investiment f'vetturi ġodda, moderni u ta' teknoloġija avvanzata. Minħabba f'hekk, l-operaturi turistiċi dejjem bit-tama li jinzertaw kowċ 'ġdida', u mhux waħda qadima, kull meta jibbukkjaw servizz ta' trasport. Fit-trasport għall-iskejjel, ħafna mill-vetturi li jġorru lil uliedna l-iskola mhumiex mgħammra biċ-ċinturini tas-sigurtà u ilhom li għamlu żmienhom.

Dawn il-fatturi għandhom ir-riperkussjonijiet tagħhom fuq il-livelli ġenerali tas-servizz provdut. Fil-qadi ta' numri akbar ta' turisti li qed ikollna u li għandhom aspettattivi ikbar, wasal iż-żmien għal prezzijiet li jirriflettu kwalità aħjar ta' vetturi kif ukoll ta' sewwieqa. Xi operaturi partikulari tal-vjaġġi esprimew pubblikament it-tħassib tagħhom dwar il-flotta ta' kowċis dejjem jiqdiemu li ssib għall-kiri. Dan huwa rifless fl-esperjenza ta' min jużahom. Biss, dawn ir-riperkussjonijiet nafuhom ukoll fis-suq lokali. Hawn ukoll, il-gruppi li jużaw servizzi mhux skedati kultant jintbagħtulhom vetturi f'kundizzjoni ħażina u li huma inaċċessibbli. Mill-banda l-oħra, il-kwalità mhix b'xejn, u meta tagħmel talba trid tkun lest tħallas għaliha.

Fit-trasport għall-iskejjel, il-biċċa hija iktar serja. Illum il-ġurnata, l-iskejjel tal-Gvern jintbagħtilhom trasport ineffiċjenti u li ma josservax għal kollox il-livelli ta' sigurtà mixtieqa. Din is-sistema, flimkien mal-problemi tal-provista għall-għadd ta' studenti li jeħtieġu t-trasport għall-iskola u l-ħinijiet twal li t-tfal ikollhom jistennew kemm filgħodu kif ukoll filgħaxija, ġiegħlet lil ħafna ġenituri imorru għal mezzi privati biex jieħdu t-tfal tagħhom l-iskola. Dan joħloq konġestjoni viżibbli fl-agħar ħinijiet ta' filgħodu fil-ġranet tal-iskola.

Fiż-żewġ każi, hemm argument sod għat-titjib fil-kwalità tas-servizzi. Dan mhux biss biex nipprovdu trasport ta' kwalità għolja, imma wkoll biex inħarsu l-ambjent, nipprovdu alternattiva għat-trasport privat u nissuktaw insaħħu l-iżvilupp ekonomiku.











# FEJN FALLEJNA

Din it-taqsima tagħti ħarsa lejn uħud mir-raġunijiet li l-forniment ta' servizzi tat-trasport mhux skedat f'Malta mhuwiex tal-ogħla kwalità u li l-iżvilupp u l-potenzjal ta' dawn is-servizzi ġie kostrett jew imxekkel matul is-snin.

**1. Ir-restrizzjonijiet fuq il-kwantità f'kull settur**

Ma hemm l-ebda formula ekonomika jew ġustifikazzjoni raġunata li tistabbilixxi r-restrizzjonijiet fuq il-kwantità f'kull settur.

Jista' xi ħadd ifisser għaliex pajjiż għandu jikkategorizza l-popolazzjoni tiegħu tal-vannijiet skond id-daqs tagħhom? Hemm xi argument loġiku għala l-vannijiet il-bojod jistgħu jiġu operati liberalment filwaqt li l-vannijiet il-ħomor huma ristretti b'numerus clausus? X'inhu l-imperattiv ekonomiku li jġiegħel pajjiż jiddeċiedi li jirrestrinġi ċ-ċittadini tiegħu milli jinvestu fi kwalunkwa tip ta' vann li jkunu jixtiequ? Malta hija aktarx l-uniku pajjiż li jġiegħel lill-operaturi tal-vannijiet jiżbgħu l-vannijiet tagħhom wieħed minn żewġt ilwien, u probabbilment dan huwa wkoll l-uniku pajjiż li jgħodd is-*seats* ta' vann qabel ma joħroġ liċenzja ta' operatur.

Huwa ċar li r-riżultat ta' dawn ir-restrizzjonijiet jagħti vantaġġ lill-operaturi fis-suq tal-vannijiet il-ħomor, billi ħoloq suq artifiċjali fil-liċenzji. Biss, dawn ir-restrizzjonijiet mhuma ta' assolutament l-ebda vantaġġ għall-klijent. Għall-klijenti, dejjem aħjar ikun hemm għażla ikbar, u dan narawh faċilment jekk inħarsu lejn l-investiment li sar fil-vannijiet il-bojod meta mqabbel ma' l-investiment fil-vannijiet il-ħomor. Il-flotta tal-vannijiet il-bojod hija ħafna iktar moderna minn dik tal-vannijiet il-ħomor, billi n-nuqqas relattiv ta' kompetizzjoni fejn jidħlu l-vannijiet

ministeru għall-infrastruttura
trasport u komunikazzjoni

il-ħomor ma jġiegħelx lil dak li jkun jinvesti.

Fil-każ tal-kowċis, il-ħtieġa tal-liberalizzazzjoni ġiet identifikata mill-Gvern sa mill-1994 wara tkabbir li kien hemm fit-turiżmu. Dak iż-żmien, kien intlaħaq ftehim mal-Unscheduled *Bus Service* (UBS) biex is-settur jiġi lliberalizzat b'effett minn Jannar ta' l-1998. Il-ftehim kien ħaseb għall-ħruġ ta' liċenzja għal vettura addizzjonali b'rati favorevoli ta' taxxa tar-reġistrazzjoni lill-operaturi eżistenti sabiex dawn jitħejjew għall-kompetizzjoni. Fil-każ tal-vetturi *second-hand*, ġiet imposta kundizzjoni ta' modifikazzjoni b'osservanza tal-istandards tal-1993 dwar l-emissjonijiet.

B'riżultat tal-ftehim, l-operaturi eżistenti nħarġitilhom liċenzja addizzjonali, u l-flotta tal-kowċis għoddha rduppjat. Madanakollu, l-introduzzjoni ta' kowċis ġodda battiet wara li s-settur baqa' ma ġiex illiberalizzat minħabba li l-operaturi għamlu pressjoni fuq gvernijiet suċċessivi biex ma jissuktawx bil-liberalizzazzjoni sħiħa. L-operaturi sikwit jgħidu li l-bdil ta' kowċ antika u l-ispejjeż rikorrenti biex joperaw kowċ ġdida jinvolvu nefqa kbira wisq. Illum il-ġurnata, xi wħud saħansitra jgħidu li għadhom ma qatgħux id-dejn tal-kowċis li xtraw skond il-ftehim tal-1994. Din is-sitwazzjoni wasslet biex 90 fil-mija tal-kowċis li nsibu fis-suq għadhom minn ta' qabel l-1996.

Hemm ukoll argumenti bejn l-operaturi tal-kowċis u l-organizzaturi tal-vjaġġi. L-operaturi tal-kowċis jilmentaw li bil-prezzijiet imħallsa ma jiġbrux l-ispejjeż, filwaqt li l-organizzaturi tal-vjaġġi jakkużawhom bil-formazzjoni ta' kartelli, in-nuqqas ta' kowċis u l-kowċis qodma li nsibu fit-toroq.

Il-kontrolli fuq il-kwantità imposti fuq l-għadd ta' vetturi tat-trasport pubbliku li jistgħu joperaw fis-setturi mhux skedati ddaħħlu u nżammu l-iktar bil-pressjoni li saret mill-operaturi eżistenti. Madanakollu, l-iktar settur importanti – il-pubbliku li jħallas – m'għandux leħen u ġie fil-biċċa l-kbira injorat.

Bħal fil-każ ta' setturi oħra fejn il-Gvern irrestrinġa l-għadd ta' liċenzji, l-aċċess għas-suq iqum kemxa flus u l-liċenzja nnifisha saret oġġett ta' valur. Il-barrieri għad-dħul imsejsa fuq il-kwantità iktar milli fuq il-kwalità rari ssibilhom ġustifikazzjoni f'termini ekonomiċi. Ftit wisq huma l-eżempji tal-aqwa prattika fi bliet jew pajjiżi li jistgħu jintużaw bħala punt ta' riferiment fejn servizzi ta' trasport pubbliku għall-iskejjel, għall-ħaddiema jew għat-turisti ġew operati b'suċċess b'kontrolli fuq il-kwantità.

Il-verità f'termini ekonomiċi hija li l-kontrolli artifiċjali li jinħolqu bir-regolazzjoni u mis-suq sikwit jeliminaw l-inċentiv kompetittiv għat-titjib tal-kwalità tas-servizz u għal roħs tal-prezzijiet għall-konsumaturi.

**2. It-tip u l-kwalità tal-vetturi**

Ġeneralment, it-tip u l-kwalità tal-vetturi mhumiex tal-istess livell ta' servizzi simili offruti f'pajjiżi Ewropej oħra. Il-kompożizzjoni tal-flotta f'dan is-settur hija relattivament qadima u b'hekk tikkontribwixxi konsiderevolment għat-tniġġis li joħloq it-trasport bl-art f'Malta.




**Tabella 1.**
**Perċentwali tal-flotta tal-vannijiet il-ħomor skond iż-żmien tal-vettura u l-istandards EURO dwar l-emissjonijiet, f'Malta u Għawdex.**




**Tabella 2.**
**Perċentwali tal-flotta tal-vannijiet il-bojod skont iż-żmien tal-vettura u l-istandards EURO dwar l-emissjonijiet, f'Malta u Għawdex.**



**Tabella 3.**
**Il-perċentwali tal-flotta tal-kowċis skont iż-żmien tal-vettura u l-istandards EURO dwar l-emissjonijiet, f'Malta u Għawdex.**




Barra d-differenzi ġeografiċi konsiderevoli bejn Malta u Għawdex, 'il fuq minn 60 fil-mija tal-vannijiet ħomor u bojod f'Malta għandhom iktar minn 10 snin fuqhom. Il-vannijiet il-ħomor ta' Malta (Tabella 1) għandhom struttura eqdem. Hawn insibu li l-ogħla perċentwali tal-vetturi għandhom iktar minn 17-il sena fuqhom. Fis-settur tal-kowċis (Tabella 3), hemm nuqqas evidenti ta' investiment ġdid. Hawn, 90 fil-mija tal-vetturi għandhom iktar minn 13-il sena. Dan jikkontribwixxi konsiderevolment għat-tagħbija tal-emissjonijiet mit-trasport.

Barra minn hekk, 63 fil-mija tal-kowċis u 55 fil-mija tal-vannijiet il-ħomor inġiebu *second-hand*, filwaqt li 28 fil-mija biss tal-vannijiet il-bojod ġew impurtati *second-hand*. Dan jirrifletti l-qafas regolatorju differenti għal kull settur.

Ovvjament, hawn m'għandna l-ebda rendikont tal-karozzi tal-linja li fil-ġurnata tal-frank tagħhom joperaw f'dan is-suq ukoll, l-iktar fil-ġarr tat-tfal ta' l-iskola u tan-nies tal-lokal. Jekk ninkludu dawn, l-età tal-flotta aktarx tmur lura għall qabel l-1960.

Fis-settur ġenerali, hemm nuqqas ta' investment. Dan ġej min-nuqqas ta' kompetizzjoni u l-indifferenza ġenerali ta' dawk li għandhom il-liċenzji li huma mħarsa mir-restrizzjonijiet tas-suq. Illum il-ġurnata, il-ġenituri, it-turisti u l-pubbliku ġenerali dejjem inċerti s-servizz offrut ikunx ta' kwalità għolja (vetturi ġodda, arja ikkundizzjonata, ċinturini tas-sigurtà) jew ta' kwalità fqira (vetturi qodma u bla arja kkundizzjonata u mingħajr ċinturini tas-sigurtà).

### 3. Il-ħolqien ta' kartell

Dan huwa konsegwenza naturali oħra ovvja tar-restrizzjonijiet li jeżistu fis-suq tal-kowċis u l-vannijiet il-ħomor. L-allegazzjonijiet ta' iffissar tal-prezzijiet huma ħaġa komuni, speċjalment fl-oqsma tat-trasport għall-iskejjel u tat-turiżmu. Żgur hija koinċidenza stramba li l-prezzijiet li ngħataw lill-iskejjel mill-vannijiet il-ħomor din is-sena kollha wrew l-istess żieda, filwaqt li żgur kienu qed isiru tħejjijiet biex l-operaturi l-kbar tal-kowċis jaqblu fuq prezz komuni. Kompetizzjoni ma teżistix bejn il-vannijiet il-ħomor fejn jidħol is-suq lokali, imma dan is-suq huwa kopert mill-vetturi ta' taħt nett tal-iskaletta u għalhekk hemm problema f'dan is-sens.

Għalxejn l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni ġusta jipprova jattakka l-formazzjoni tal-kartell meta fl-istess waqt is-settur jinsab magħluq għall-kompetizzjoni.









**4. Il-karozzi tal-linja**

Fejn jidħlu l-karozzi tal-linja, ma hemm l-ebda distinzjoni bejn is-servizz skedat u dak mhux skedat. Dan qed iwassal għal degradazzjoni tal-livelli ta' servizz, kemm mil-lat tal-kwalità tax-xarabanks kif ukoll mil-lat tal-livell tas-servizzi nnifishom.

Probabbli anki f'dan aħna uniċi. Malta hija aktarx l-uniku pajjiż li jħalli l-karozzi tal-linja jaħdmu wkoll fis-servizz mhux skedat, sempliċiment għaliex għandna wisq xarabanks biex jintużaw kollha fis-servizz skedat. Għaldaqstant, ivvintajna soluzzjoni unika Maltija: ħalli lil dawk żejda jaħdmu fis-servizz skedat u bexxaqna għajn waħda. Żgur li din soluzzjoni ġdida, imma mhux bilfors is-soluzzjoni t-tajba.

Ir-riżultati qegħdin hemm u kulħadd jista' jarahom. Billi s-settur mhux skedat normalment iħalli iktar qligħ minn dak skedat u bid-dħul mis-settur skedat garantit fi kwalunkwa każ, ta' kuljum għadd ta' xarabanks ma jitfaċċawx biex jipprovdu s-servizz skedat regolari u hekk joħolqu tħarbit bla bżonn. Ir-riżultat huwa li s-servizz mhux skedat isofri minn kowċis ta' kwalità fqira li, billi ma jitqisux tajbin għat-turisti, jispiċċaw jintużaw għall-Maltin u għat-tfal tal-iskola.

B'dan il-mod, sirna ċittadini tat-tieni klassi f'pajjiżna stess.

**5. Servizz ta' kwalità baxxa u nuqqas ta' effiċjenza, ta' sigurtà u ta' etika ta' servizz lill-passiġġieri**

Hemm għadd ta' kwistjonijiet marbuta mal-kwalità tas-servizz, l-effiċjenza fl-għoti tas-servizz, is-sigurtà tal-passiġġieri u l-etika ta' servizz. Meta titkellem ma' diversi partijiet interessati, joħorġu għadd ta' nuqqasijiet li jirriflettu l-kwalità tas-servizz provdut minn dan is-settur. Il-VISET Malta plc, inkarigata mix-Xatt tal-Belt u mit-*Terminal* tal-*Cruise Liners*, jidentifikaw għadd ta' sfidi li qed iħabbtu wiċċhom magħhom l-operazzjoni tagħhom u t-turiżmu tal-cruise liners. L-ewwel sfida li jidentifikaw fuq l-art hija dik ta' trasport effiċjenti. Huma jagħrfu l-importanza tat-trasport fuq l-art biex jiżguraw 'esperjenza memorabbli għall-passiġġieri tal-*cruises*'. Hawn isemmu l-kwantità, l-għażla u l-kwalità tal-faċilitajiet tat-trasport. Trid titjieb l-aċċessibbiltà partikularment għall-persuni anzjani u għall-persuni bi bżonnijiet differenti. Il-VISET plc tappella lill-Gvern biex jirristruttura u jirriforma s-settur tat-trasport sabiex jitjiebu l-flotot u jorħsu l-prezzijiet.

Billi wħud mill-ilmenti ġejjin min-nuqqas ta' kwalità fis-servizz, f'termini ta' disponibbiltà ta' vetturi (jew aħjar, ta' vetturi ta' kwalità), żgur li hemm potenzjal ta' żvilupp. Hemm ukoll potenzjal ta' effiċjenza fl-għoti tas-servizzi.

Minkejja li s-servizzi ta' trasport pubbliku mhux skedat huma kategorija ta' mezzi ta' trasport relattivament bla periklu (8 korrimenti matul l-aħħar 3 snin fejn kienu involuti minibuses u kowċis), dawn għandhom fama ħażina. Fl-operazzjoni ta' dawn is-servizzi jidħlu kwistjonijet ta' mġieba, inklużi sewqan eċċessiv, il-mod li xi vannijiet u minivans jitilqu l-passiġġieri f'postijiet perikolużi, il-postijiet minn fejn jgħabbuhom u kwistjonijet oħra marbuta mal-imġiba tas-sewwieqa fil-ħin li jkunu qed jipprovdu servizz (bħal, ngħidu aħna, ipejpu jew ipaċpċu fuq it-telefown).

Barra minn dan, madwar 36 fil-mija tal-vannijiet il-bojod u l-vannijiet il-ħomor għadhom bla ċinturini tas-sigurtà. Il-biċċa l-kbira minn dawn jintużaw biex iwasslu t-tfal tal-iskola.

## 6. It-trasport għall-iskejjel u għall-impjegati

Dan it-trasport qiegħed kull ma jmur isir inqas popolari.

Il-ġenituri qegħdin dejjem iktar iwasslu lill-uliedhom l-iskola huma stess. Dan joħloq iktar traffiku fit-triq matul il-ħinijiet li t-tfal jidħlu l-iskola u meta jispiċċaw. Il-kundizzjonijiet u l-kwalità tas-servizzi provduti mhumiex ta' livell u hemm għadd ta' diffikultajiet riflessi fl-għadd ta' tfal dejjem nieżel li jużaw it-trasport għall-iskejjel.

Hemm imbagħad kwistjonijiet oħra marbuta mas-sistema li titħaddem bħalissa fis-settur tat-trasport għall-iskejjel. Filwaqt li l-iskejjel tal-Gvern jipprovdu t-trasport għall-iskejjel permezz ta' kuntratti bejn id-Dipartiment tal-Edukazzjoni u l-Assoċjazzjonijiet, mhux l-iskejjel privati kollha għandhom ftehmiet formali għall-ġarr tat-tfal tal-iskola. Il-loġistika tinħadem mill-operaturi stess, u l-ġenituri jiġu mgħarrfa bil-post u l-ħin minn fejn se jinġabru t-tfal.

Fil-każ tal-ftehmiet li għandu bħalissa d-Dipartiment tal-Edukazzjoni, hemm tħassib fuq il-kwalità tas-servizz provdut. Il-qofol tat-tħassib ewlieni huwa l-ġbir kmieni tat-tfal tal-iskola. L-operaturi tat-trasport huma marbuta li l-istudenti ma jinġabrux mill-ewwel post ta' kull vjaġġ iżjed kmieni minn siegħa qabel il-ħin li fih tibda l-iskola li jattendu l-istess studenti. Madanakollu, dan jiġġenera l-problemi meta studenti li jkunu jgħixu qrib sew ta' l-iskola jinġabru kmieni ħafna. Is-sistema ta' bħalissa toħloq għadd ta' diffikultajiet ta' kull sena fejn jidħlu studenti ġodda u skejjel ġodda kkontrollati mill-Gvern. Hemm imbagħad tħassib dwar is-sigurtà tas-servizzi provduti, minħabba t-tagħbija eċċessiva ta' tfal u s-sewqan eċċessiv.

Jaslu wkoll ilmenti fuq il-kundizzjonijiet imposti mill-operaturi tat-trasport għall-għoti tas-servizzi. Evidenza anedottali tindika li l-operaturi (sewwieqa) jiddettaw il-ħinijiet li jinġabru l-istudenti u t-trasport provdut biex ikopri l-għadd ta' studenti.

Aktar riċenti, l-Unjoni Ewropea (UE) daħħlet direttiva biex tirregola s-sigurtà tal-passiġġieri fil-vetturi tal-kategoriji N1 u N2 (vannijiet ħomor, bojod u kowċis). Skont id-Direttiva 2003/20/KE, *seat* għandu jkun okkupat minn passiġġier wieħed biss (anki meta qed nirreferu għat-tfal), u jkun mgħammar b'ċinturin tas-sigurtà. Mill-banda l-oħra, id-Direttiva 2005/41/KE titlob li dawn l-istess vetturi (ħlief għall-vetturi manifatturati qabel l-1997) għandhom ikunu mgħammra biċ-ċinturini tas-sigurtà. It-Tabella 4 ta' hawn taħt turi x'perċentwali tal-flotta kurrenti ġie mmanifatturat qabel l-1997.

**Tabella 4.**
**Perċentwali tal-flotta manifatturat qabel l-1997.**

| Tip | Perċentwali qabel l-1997 |
|---|---|
| Vannijiet Ħomor | 49% |
| Vannijiet Bojod | 33% |
| Kowċis | 94% |

L-iskop tal-Gvern li jirriforma t-trasport pubbliku se jkollu impatt fuq dan is-settur billi l-karozzi tal-linja (operati minn membri tat-Trasport Pubbliku) mhux se jitħallew iktar iġorru t-tfal tal-iskola. Minħabba l-iskop differenti taż-żewġ operazzjonijiet, din il-prattika tal-ġarr tat-tfal tal-iskola fil-karozzi tal-linja ma tagħmilx sens. Din il-miżura se toħloq talba ikbar għal servizzi mhux skedati sabiex ikun sodisfatt is-settur tat-trasport għall-iskejjel.



Din iż-żieda fit-talba – li llum diġa hija evidenti meta għandna tfal li mhumiex jinġabru mit-trasport għall-iskejjel – se tiffavorixxi operaturi ġodda fis-suq. Il-ħtieġa ta' bdil tal-flotta u regolamentazzjoni iktar stretta taf ukoll twassal biex jitjieb il-prodott ġenerali. Dan it-titjib jaf imbagħad iwassal għad-dħul ta' firxa ta' prezzijiet. Ogħla ma tkun il-kwalità tas-servizz offrut, ogħla jkun il-prezz.

L-iskop ġenerali tal-Gvern huwa li jinkoraġġixxi l-ġenituri jużaw it-trasport pubbliku, billi jiżgura servizzi ta' kwalità u bla periklu li fihom infushom jerġgħu jkabbru l-fiduċja fis-sistema tat-trasport għall-iskejjel.

L-istess ħaġa nistgħu ngħidu fuq it-trasport għall-impjegati. Għalkemm tidher ħaġa ovvja li fejn issib ġemgħat imdaqqsa ta' nies jaħdmu fil-fabbriki jew f'kumpaniji kbar jiġi pprovdut trasport għall-impjegati fi gruppi, din id-drawwa naqqset f'Malta.

Mill-ħames kumpaniji ewlenin f'Malta li kkuntattjajna dwar it-trasport għall-impjegati fi gruppi, kumpanija waħda biss tipprovdi t-trasport lill-impjegati tagħha; filwaqt li f'kumpanija oħra, hemm grupp ta' impjegati li jorganizzaw u jħallsu huma stess it-trasport tagħhom fi grupp. Kien hemm imbagħad kumpanija li kienet tipprovdi t-trasport u tneħħa; filwaqt li f'kumpanija oħra, dawk li jaħdmu bix-xift jirċievu *allowance* għat-trasport.

Il-kumpanija li tipprovdi t-trasport lill-impjegati tagħha tkopri patrunaġġ potenzjali ta' 1,400 impjegat meta tgħodd ix-xiftijiet kollha. Tmenin fil-mija ta' dawn l-impjegati jużaw is-servizz regolarment billi huwa pprovdut bla ħlas u l-impjegati jaqblilhom ma jużawx il-karozzi tagħhom.

Kif wieħed jista' jara, il-potenzjal ta' żvilupp fl-għoti ta' servizzi mhux skedati f'dan is-suq huwa għoli; partikolarment fid-dawl tal-miżuri għall-kontroll tal-parkeġġ f'żoni ta' konġestjoni. Kumpaniji u fabbriki mdaqqsa, żoni industrijali, kif ukoll żviluppi ġodda kbar bħalma huwa dak ta' SmartCity ikunu jistgħu jużaw is-servizzi mhux skedati biex iwasslu l-ħaddiema tagħhom mid-dar għax-xogħol. Madanakollu, illum il-ġurnata din il-provista ma teżistix – minħabba fir-restrizzjonijiet imposti bil-kontrolli fuq il-kwantità.

Barra t-trasport għall-impjegati, hemm talba li qed tikber għal aktar servizzi mhux skedati f'għadd ta' żoni. Dawn is-servizzi jinkludu iktar opportunitajiet ta' Park & Ride u faċilitajiet ta' trasport fi gruppi lejn postijiet ta' rikreazzjoni. Hemm okkażjonijiet u postijiet f'dawn il-gżejjer, fejn attivitajiet speċifiċi, bħalma huma l-logħob tan-nar, il-festi ta' l-irħula u l-ibliet, u x'naf jien jistgħu jiġu koperti mis-settur mhux skedat.




# FEJN IRRIDU NASLU?

It-tweġiba hija ħafifa – nemmnu li wasal iż-żmien li l-investiment f'dawn l-oqsma kollha jkun ħieles, li l-kompetizzjoni tinkoraġġixxi mhux biss varjazzjonijiet fil-prezz imma varjazzjonijiet fil-prezz imsejsa fuq għażla tal-livell ta' kwalità mixtieq, li l-integrazzjoni vertikali fuq diversi tipi ta' setturi tipprovdi ekonomiji ta' skala u, b'hekk, servizz ta' kwalità.

Nemmnu li l-aħħar żewġ setturi protetti għandhom jiġu lliberalizzati għal kollox u li l-kompetizzjoni vera, mhux imxekkla (ħlief għal-limiti tekniċi), għandha tkun is-sies ekonomiku ta' dan is-settur b'tali mod li l-użu tat-trasport fi gruppi jiżdied permezz tal-kwalità aqwa u ogħla li tiġi offruta.

Dejjem huwa diffiċli tiffaċċja l-bidla, anki meta din tkun immirata biex il-prodott jitjieb. Wieħed jeħtieġ xi forma ta' addattament fuq numru ta' snin. Fit-taqsima preċedenti, rajna għaliex ma għandux jinżamm l-istatus quo. Hemm għadd ta' problemi li nibtu mill-prattika u l-qafas regolatorju li għandna bħalissa. Matul is-snin, dawn tefgħu dell ikrah fuq is-servizzi tat-trasport mhux skedat ipprovduti fis-setturi eżistenti, jiġifieri t-trasport għall-iskejjel, it-turiżmu u d-domanda lokali.

F'ekonomija li qiegħda dejjem tiżviluppa u fejn qed jiġu pprovduti prodotti lis-soċjetà, irid ikun hemm kompetizzjoni ikbar, kemm fil-prezzijiet kif ukoll fil-kwalità. L-għadd dejjem jikber ta' turisti u talbiet fl-industrija tat-turiżmu żgur li sar prijorità għall-bidla meħtieġa f'dan is-settur. Biss, ma' dan inżidu t-talbiet lokali, bħalma huma t-tħassib dejjem jiżdied fuq is-sigurtà tat-tfal tal-iskola u l-ħtieġa li nerġgħu ndaħħlu l-fiduċja fuq is-sigurtà u l-effiċjenza tat-trasport provdut għall-iskejjel.

Huwa ċar li l-kontrolli tal-kwantità ma ħallew l-ebda lok

ministeru għall-infrastruttura trasport u komunikazzjoni

ta' titjib fil-kwalità tas-servizzi provduti mill-operaturi tas-settur protett. Ma tantx sar investiment fil-flotta, u tfaċċaw il-problemi – minħabba l-għadd limitat ta' vetturi disponibbli f'ħinijiet partikulari tal-ġurnata (eż. fil-każ tat-trasport għall-iskejjel) u fi żminijiet partikulari tas-sena.

Il-liberalizzazzjoni ddaħħal iktar kompetizzjoni. Hekk, il-kwalità tas-servizzi pprovduti tgħola u l-prezzijiet għall-konsumatur jorħsu. Kompetizzjoni bejn, ngħidu aħna, 200 operatur żgur li se tkun iktar ta' ġid minn kompetizzjoni bejn 50.

Din il-liberalizzazzjoni mhux biss se taqbel lil dawk li jużaw is-servizzi bħalissa; taf ukoll tħajjar oħrajn jużaw is-servizzi mhux skedati. Bil-viżjoni tal-Gvern – li jinkoraġġixxi bidla, mill-mezzi ta' trasport privat għall-mezzi ta' trasport pubbliku, issa għandna l-opportunità li anki s-servizzi mhux skedati jkunu għażla fattibbli u alternattiva għall-ivvjaġġar lokali. Dan se jgħin biex jonqsu l-problemi tal-konġestjoni u t-tniġġis fil-ħinijiet l-iktar traffikużi tal-ġurnata.

Bħalissa, l-oqfsa regolatorji u tal-politika fl-ambitu tas-settur tat-trasport mhux skedat huma maqsuma fi tlieta. Il-kowċis għandhom ftehimiet separati mill-vannijiet ħomor u anki mill-vannijiet bojod. Dawn l-arranġamenti ħolqu setturi li jipproteġu u jippriservaw il-monopolju tagħhom fuq swieq komuni, kemm fis-servizzi ta' trasport għat-turisti kif ukoll fis-servizzi għan-nies tal-post. Ftit li xejn issib integrazzjoni tas-setturi, ħlief għall-ftit operaturi l-kbar li għandhom interessi fit-tliet setturi li huma u għalhekk jistgħu jirranġaw għaċ-ċaqliq tat-turisti b'mod iktar effiċjenti.

L-integrazzjoni tas-servizzi f'settur wieħed u t-tneħħija kemm tal-kontrolli fuq il-kwantità kif ukoll tal-qafas regolatorju restrittiv jfissru li issa l-operaturi jistgħu jinvestu f'vetturi ġodda, jiddiversifikaw il-flotta tagħhom, ikunu kompetittivi fil-prezz u l-kwalità, u saħansitra jipprovdu taħlita ta' servizzi b'vetturi ta' daqsijiet varji, skond il-ħtiġijiet tal-klijenti. Hekk, il-klijenti se jkollhom għażla ta' kwalità u prezzijiet.

L-għan tal-Gvern f'dan is-settur huwa li naraw qabża fil-kwalità. Illum, is-settur jinsab oskurat bi tħassib fuq il-kwalità u s-sigurtà tas-servizzi u fuq il-prestazzjoni tiegħu. Dan it-tħassib għandu mbagħad effett indirett fuq is-settur tat-turiżmu (l-industrija ewlenija ta' Malta), it-trasport għall-iskejjel u l-pjan fuq medda twila ta' żmien li nnaqqsu l-ivvjaġġar bil-karozzi privati. Ma għandniex xi ngħidu, l-istess tħassib għandu wkoll effett fuq il-pubbliku ġenerali, li jkollu jiffaċċja l-infrastruttura qadima u s-sitwazzjonijiet infeliċi kkawżati mis-servizzi ineffiċjenti.

Meta nħarsu lejn ir-riforma neċessarja, l-azzjonijiet ewlenin li rridu nieħdu huma li:

**Nirrikunsidraw li nerġgħu norganizzaw il-liġijiet u l-politka,** biex narmonizzaw ir-regolamentazzjoni ta' dan is-settur. Se nintegraw it-tliet setturi, billi nneħħu d-distinzjonijiet bejn it-tipi u l-ispeċifikazzjonijiet tal-vetturi. L-unika liċenzja li tkun meħtieġa biex wieħed jopera vetturi għat-trasport mhux skedat tal-passiġġieri li jġorr iktar minn tmien passiġġieri se tkun il-Liċenzja ta' Operatur ta' l-UE (skond id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE, kif emendata sussegwentement). Is-sewwieqa se jkunu irregolati bl-istess mod propost għat-taxis il-bojod. It-taħriġ għas-sewwieqa se jiġbor fih għarfien dwar is-saħħa u s-sigurtà, ħiliet tal-komunikazzjoni, is-sigurtà fit-toroq u opportunitajiet indaqs, immaniġġar tal-kunflitti u l-istress, u għarfien aħjar tan-netwerk stradali ta' Malta u Għawdex.



**Nilliberalizzaw l-aċċess għas-settur tat-trasport mhux skedat.** Il-kontrolli fuq il-kwantità – li bħalissa għandhom l-effett ta' barriera għal operaturi ġodda f'dan is-settur – se jitneħħew. Minflokhom jidħlu l-kontrolli fuq il-kwalità, kif stipulat fil-Liċenzja ta' Operatur ta' l-UE. Dawn il-kontrolli se jiġu stabbiliti għall-vetturi, is-sidien u s-sewwieqa. Dan jiżgura kwalità ogħla ta' servizzi u prezzijiet orħos, permezz tal-kompetizzjoni.

**Nipprojbixxu l-operazzjoni ta' vetturi skedati fis-servizzi ta' trasport mhux skedat.** Bir-riforma fis-servizzi tat-trasport pubbliku tal-passiġġieri u sabiex jiġi pprovdut netwerk ta' servizzi tax-xarabank li jkun iktar affidabbli, iktar effiċjenti u tal-ogħla kwalità, ix-xarabanks assenjati biex joperaw fis-servizz skedat mhumiex se jitħallew joperaw fis-swieq mhux skedati.

**Nidderegolaw l-operazzjoni tax-xarabanks mikxufa** biex jintużaw f'servizzi ta' trasport speċjalizzati għan-nies tal-post u għat-turisti, f'toroq li jistgħu jintużaw bla periklu minn vetturi bi ġnub għolja, fejn ma jinterrompux l-andament normali tat-traffiku.

**Nidderegolaw l-operazzjoni tat-taxis tal-elettriku** billi nippermettu li jiġu stabbiliti operazzjonijiet madwar Malta u Għawdex. Fid-dawl tal-awtonomija limitata ta' vetturi tal-elettriku, aktarx inkunu rridu nistabbilixxu zoni għal skopijiet ta' operazzjoni.

**Inżidu l-użu tal-ferroviji bla binarji** f'żoni li huma meqjusa xierqa kemm mil-lat ta' dħul kif ukoll mil-lat ta' traffiku. Billi normalment dawn il-ferroviji jimxu pjuttost bil-mod u allura jimpedixxu l-andament normali tat-traffiku, dan is-settur ma jistax jiġi dderegolat għal kollox. Irid jinżamm biss f'ċerti żoni, fejn dawn it-trams ma jimpedux it-traffiku. Għalhekk, l-ADT se tissokta tirregola dan is-settur bil-ħruġ ta' sejħiet.

Il-Gvern se jassisti l-operaturi – kemm billi jipprovdilhom it-taħriġ sabiex jikber l-għarfien tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-aqwa prattika, kif ukoll bil-ksib tal-liċenzja Komunitarja li tippermettilhom aċċess ħieles għas-suq tas-**servizzi ta' trasport internazzjonali tal-passiġġieri bl-art.** L-operaturi se jkunu mħeġġa jittantaw jieħdu vantaġġ mill-potenzjali ġodda tas-suq għall-ġarr ta' turisti Maltin f'pajjiżi oħra, bħalma jagħmlu l-operaturi tal-kowċis bnadi oħra.

Il-Gvern, permezz tal-entità regolatorja, se **jtejjeb l-assigurazzjoni tal-kwalità** billi jara li jkun hemm regolazzjoni u linji gwida xierqa. L-ADT se tissaħħaħ sabiex tkopri l-infurzar tar-regolamenti kollha għall-ivvjaġġar bla periklu tal-passiġġieri bis-servizzi mhux skedati. Se jiddaħħlu sistemi ta' punti ta' penali għall-operaturi u s-sewwieqa. Bil-proċedura li se tiddaħħal, operaturi u sewwieqa li jeħlu għadd ta' multi tittiħdilhom ukoll il-liċenzja.

Il-multi se jiġu stipulati fid-dettall fir-regolazzjoni. Dawn se jiffukaw, mhux biss fuq l-ispeċifikazzjoni tal-vettura u s-sigurtà stradali (li ġa huma koperti bil-liġi), imma wkoll fuq il-kwalità tas-servizz provdut u l-imġiba tas-sewwieq.

Se jitfasslu **linji gwida fuq ir-regolazzjoni tal-ġarr tat-tfal tal-iskola** għas-sewwieqa u l-operaturi li jixtiequ jaħdmu f'dan is-suq. Se jiġu applikati rekwiżiti rigorużi rigward it-tip ta' vetturi u l-kwalifiki tas-sewwieqa, sabiex jiġi żgurat li t-tfal tal-iskola jitwasslu bla periklu fil-vjaġġi tagħhom lejn l-iskola u lura.

Se tiddaħħal loġistika iktar effiċjenti fl-organizzazzjoni tat-trasport għall-iskejjel. L-iżvilupp tal-Kulleġġi – li

jiġbru flimkien zoni marbuta ġeografikament ma' skejjel partikulari – joffru potenzjal ta' kordinazzjoni tat-trasport għall-iskejjel b'mod iktar effiċjenti, partikolarment fil-każ ta' l-iskejjel sekondarji.



# GĦELUQ

Meta qed nimmiraw lejn prodott ta' kwalità, anki fit-trasport, hemm għadd ta' riformi li ma nistgħux ngħaddu mingħajrhom. F'ekonomija li qed dejjem tiżviluppa, b'iktar mobbiltà u talbiet għal kwalità ogħla, it-trasport pubbliku mhux skedat irid itejjeb il-livell tiegħu.

It-talbiet għal trasport bla periklu għall-iskejjel, id-domandi fil-qasam tat-turiżmu u l-għan li jitnaqqas l-ivvjaġġar bil-karozzi privati se joħolqu pressjoni ikbar fuq is-settur biex itejjeb il-kwalità u l-kwantità tas-servizzi. Dawn il-fatturi jiffukaw fuq il-vetturi li jintużaw fl-operazzjoni tas-servizzi, kif ukoll fuq id-dehra u l-imġiba tas-sewwieqa. Kompetizzjoni usa' timmira lejn prodotti u servizzi aqwa.

L-istedina tagħna hija sempliċi – ejjew flimkien nidħlu għal dawk il-bidliet li huma assolutament meħtieġa jekk irridu nbiddlu l-istil ta' ħajja tagħna.

Il-pubbliku huwa mistieden jagħti s-sehem tiegħu billi jibgħat il-fehmiet, il-kummenti u l-proposti dwar din ir-riforma lill-Ministeru tal-Infrastruttura, it-Trasport u l-Komunikazzjoni fuq is-sit elettroniku www.mitc.gov.mt jew fl-indirizz postali 168, Triq id-Dejqa, il-Belt Valletta.

ministeru għall-infrastruttura trasport u komunikazzjoni

168, Triq id-Dejqa,
Valletta, VLT 1423

www.mitc.gov.mt
info.mitc@gov.mt
Tel: +356 2122 6808
Fax: +356 2125 0700

mitc
ministeru għall-infrastruttura trasport u komunikazzjoni








